MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru. 497/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Josric Mifsud)**
**(Sp. Alexander Grech)**

**vs**

**Rashad Mabrouk ta' 31 sena, iben Elarbi u Arabiya Sharif, mwieled Tripoli, fit-22 ta' Gunju, 1972 bla residenza, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 154699 M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Rashad Mabrouk li gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Gunju, 2004 gol-Blet Valletta ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar.

(a) seraq mobile phone tal-marka Samsung tip S 500 li jiswa aktar minnmitt lira Maltin (Lm 100) pero' anqas minn elf lira (Lm 1,000) ghad-detriment ta' Teresa parry liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-Ammissjoni bikrija tieghu registrata fi zmien ta' l-interrogatorju.

Rat li l-akkuzat anke kkopera fi stadju tal-interrogatorju kif ukoll li r-res furtiva giet ritornata.

Hadet in konsiderazzjoni r-rapport redatt mill-Probation Officer u minn hemm setghet tikkonstata lil Rashad Mabrouk ghandu anke problemi ta' dipendenza, apparti ohrajn ta' nuqqas ta' dar u problemi familjari.

Ghaldaqstant tenut kont ta' dak kollu premess qeghda ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-artikoli 261, 267, 271, 279, 280, 281, 31 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena wara li rat l-artiklu 28A tal-Kapitlu 9.

Tqeghdu wkoll taht ordni ta' supervizjoni u tahtar ghal dan l-iskop lil Ivan Sultana. B'dan illi tali ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghal sena mil-llum. B'dan illi Rashad Mabrouk ghandu jobdi kull direttiva lilu moghtija mill-Ufficjal Sorveljanti specjalment in kwantu jittratta dwar id-dipendenza tieghu fuq id-droga jekk hemm bzonn anke jsegwi b'success programm ta' riabilitazzjoni u direttivi ohra dwar sejbien ta' residenza u impieg.

L-Ufficjal Sorveljanti ghandu jibghat rapport ta' l-andament ta' Rashad Mabrouk lil din il-Qorti kull sitt gimghat mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------